31995R1517

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1517/95
tad- 29 ta' Ġunju 1995
li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 dwar l-arranġamenti għall-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' għalf kompost, abbażi ta' ċereali u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1162/95 li jistabilixxi regoli speċifiċi u ddettaljati dwar is-sistema ta' liċenzi ta' importazzjoni u esportazzjoni, ta' ċereali u ross.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali [1] kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja u bir-Regolament (KE) Nru 3290/94 [2], b'mod partikolari Artikoli 10(4), 11 (4), 13 (11) u 16 (2) tagħhom,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1418/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross [3], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 3290/94, b'mod partikolari Artikoli 13(4), 14 (16) u 17 rispettivament,

Billi, skond il-kompożizzjoni, l-għalf tal-bhejjem ippreparat, taħt il-Kodiċi NM 2309, jaqa' taħt ir-Regolament (KEE) Nru 1766/92 jew ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib [4], kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja u bir-Regolament (KE) Nru 3290/94; billi, fil-każ ta' dawk il-prodotti li jaqgħu taħt ir-Regolament (KEE) Nru 1766/92, levies fuq l-importazzjoni għandhom jiġu mibdula f'dazji fuq l-importazzjoni mill-1 ta' Lulju 1995;

Billi Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 jeħtieġ is-sottomissjoni ta' liċenza ta' esportazzjoni jew importazzjoni, għall-prodotti msemmija f'Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament, li jinkludi preparazzjonijiet tat-tipi wżati għall-għalf tal-bhejjem;

Billi Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 jistabbilixi li għandha tingħata rifużjoni fuq l-esportazzjoni għar-rigward tal-oġġetti elenkati f'Anness A ta' dak ir-Regolament; billi l-iskop prinċipali ta' din ir-rifużjoni huwa biex tikkumpensa għad-differenza bejn il-prezzijiet tal-prodotti bażiċi fil-Komunità u dawk fis-suq dinji; billi għandhom jiġu stabbiliti regoli ġenerali għal-għoti ta' din ir-rifużjoni;

Billi, għal-finijiet tal-ħlas ta' din ir-refużjoni, dawk il-prodotti biss li l-kwantitajiet tagħhom huma inkorporati fl-għalf kompost u li l-karatteristiċi tagħhom jirrapreżentaw verament is-sustanza ta' l-ikel in kwistjoni, ibbażat fuq ċereali, jiġifieri, ċereali, dqiq taċ-ċereali, u prodotti mhux preparati miksuba minn ċereali miħunin u ttrattati, għandhom jiġu meqjusa, bl-esklużjoni ta' prodotti oħra li l-inklużjoni tagħhom f'ikel ta' dan it-tip hija kumplimentari jew marġinali;

Billi l-ammont tar-rifużjoni li għandha x'taqsam ma' dawn id-diversi prodotti taċ-ċereali, għandha tqis b'mod partikolari id-differenza bejn il-prezzijiet fis-suq dinji u dawk fis-suq tal-Komunità, għaċ-ċereali bażiċi, jiġifieri, qamħirrum, qamħ u barli;

Billi l-aġġustament tar-rifużjonijiet iffissati bil-quddiem għandha tqis il-fatturi li fuqhom ir-rifużjoni kienet bażata; billi dak l-aġġustament għandu jqis il-kontenut tal-prodotti taċ-ċereali;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru1913/69 tad-29 ta' Settembru 1969 dwar l-għoti u l-iffissar bil-quddiem tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' għalf kompost b'bażi ta' ċereali [5], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1707/94 [6], u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1619/93 tal-25 ta' Ġunju 1993 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 dwar l-arranġamenti applikabbli għall-għalf b'bażi ta' ċereali [7] għandu jiġi mħassar mill-1 ta' Lulju 1995; billi dan ir-Regolament jieħu d-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-Regolamenti u jaddatahom għas-sitwazzjoni fis-suq preżenti u l-implimentazzjoni tal-ftehim milħuqa, bħala parti mid-Dikjarazzjoni ta' l-Urugwaj tan-negozjati multilaterali dwar il-kummerċ;

Billi, minn meta Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 891/89 [8], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE)

(1) ĠU No L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.
(2) ĠU No L 349, tal-31.12.1994, p. 105.
(3) ĠU No L 166, tal-25.6.1976, p. 1.
(4) ĠU No L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
(5) ĠU No L 94, tas-7.4.1989, p. 13.
(6) ĠU No L 155, tas-26.6.1993, p. 24.
(7) ĠU No L 180, ta' l-14.7.1994, p. 19.
(8) ĠU No L 246, tat-30.9.1969, p. 11.

Nru 1043/95, ġie inkorporat f'Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1162/95 tat– 23 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi regoli speċjali u dettaljati dwar l-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzi ta' importazzjoni u esportazzjoni taċ-ċereali [1], dak ir-Regolament għandu jiġi emendat biex jippermetti l-ħruġ ta' liċenzi skond Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92;

Billi l-Kumitat Amministrattiv taċ-Ċereali ma tax opinjoni fiż-żmien stabbilit mill-President tiegħu stess,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

IT-TITOLU I

Rifużjonijiet

Artikolu 1

1. Ir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni li jaqgħu taħt il-Kodiċi NM 2309 10 11, 2309 10 13, 2309 10 31, 2309 10 33, 2309 10 51, 2309 10 53, 2309 90 31, 2309 90 33, 2309 90 41, 2309 90 43, 2309 90 51 u 2309 90 53 u li huma elenkati f'Anness A tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92, hawnhekk iżjed il quddiem msejjħa "għalf kompost b'bażi ta' ċereali", għandhom jiġu ffissati skond dan ir-Regolament.

2. L-għalf kompost b'bażi ta' ċereali għandu jiġi kklassifikat taħt il-Kodiċi NM f'Anness I.

Artikolu 2

1. Matul xahar partikolari, ir-rifużjoni ta' l-esportazzjoni li tistà tingħata fuq għalf kompost b'bażi ta' ċereali, għandha tiġi iffissata għal kull tunellata ta' ta kull ċereali li jkun jinsab fl-għalf kompost, waqt li jitqiesu l-kriterji li ġejjin:

(a) il-medja tar-rifużjonijiet mogħtija fix-xahar ta' qabel, għaċ-ċereali bażiċi l-aktar użati, aġġustata fuq il-bażi taż-żieda għax-xahar kurrenti;

(b) il-medja tad-dazju ta' importazzjoni għaċ-ċereali bażiċi l-aktar użati;

(ċ) ħwienet u kundizzjonijiet ta' bejgħ tal-prodotti in kwistjoni fuq is-suq dinji;

(d) il-ħtieġa li jiġi evitat tfixkil fis-suq tal-Komunità;

(e) l-aspetti ekonomiċi tal-esportazzjonijiet in kwestjoni.

2. Ir-Rifużjonijiet għandhom jiġu ffissati tal-anqas darba fix-xahar.

Artikolu 3

1. Fejn ikun meħtieġ, ir-rifużjoni għandha tiġi aġġustata skond Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1162/95. L-aġġustament għandu jsir billi tiżdied jew titnaqqas ir-rifużjoni, bl-ammont li jirriżulta minn kull aġġustament li għalih saret referenza fil-paragrafi 1 u 2 ta' Artikolu 12 tar- Regolament (KE) Nru 1162/95, għal kull tunnellata ta' prodott taċ-ċereali li jinsab fl-għalf kompost. Fejn ikun meħtieġ, ir-rifużjoni tistà wkoll tiġi aġġustata fid-dawl tal-prezz tat-trab tal-ħalib għax-xahar ta' l-esportazzjoni.

Fattur korrettiv għal dan il-prodott għandu jiġi iffissat, sabiex jiġi meqjus l-ammont ta' l-għajnuna mogħhtija għat-trab tal-ħalib li jintuża fl-għalf tal-bhejjem matul ix-xahar ta' l-esportazzjoni.

2. Għall-iskopijiet tal-applikazzjoni ta' Artikolu 13(8) tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92, l-ammont żero m'gandux jitqies bħala rifużjoni u għaldaqstant l-aġġustament li għalih saret referenza f'Artikolu 12(3) tar-Regolament (KE) Nru 1162/95 m'għandhux japplika.

Artikolu 4

1. L-esportatur għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti sa mhux aktar tard mill-mument meta jitlestew il-formalitajiet doganali dwar il-kompożizzjoni totali ta' l-għalf kompost b'bażi ta' ċereali, fejn jiġi speċifikat il-perċentwal ta' kull tip ta' prodott inkorporat bil-pożizzjoni fin-nomenklatura tal-prodotti agrikoli għar-rifużjoni tal-esportazzjoni, kif ukoll il-kwantità preċiża ta' qamħirrum u ċereali oħra.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jassikuraw l-eżattezza tad-dikjarazzjoni.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, kuljum qabel it-3 p.m. (ħin ta' Brussel), dwar il-kwantitajiet ta' għalf kompost b'bażi ta' ċereali, li għalihom ikunu saru applikazzjonijiet għal-liċenzi.

Din in-notifika għandha tiddistingwi bejn l-applikazzjonijiet b'rifużjoni fuq l-esportazzjoni jew taxxa fuq l-esportazzjoni, u applikazzjonijiet mingħajr rifużjoni.

In-notifika għandha tistqarr ukoll il-kwantitajiet massimi ta' ċereali inklużi fl-għalf kompost, kif jidher fl-applikazzjonijiet għall-liċenzi ta' esportazzjoni.

IT-TITOLU II

Klawsola ta' penali f'każ ta' nuqqas

DIŻPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 6

1. Meta, għal prodott wieħed jew aktar, il-kondizzjonijiet li għalihom saret referenza f'Artikolu 16 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 u f'Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76 jintlaħqu, il-miżurili ġejjin jistgħu jittieħdu mill-Kummissjoni:

(a) applikazzjoni tat-taxxa fuq l-esportazzjoni. Din it-taxxa għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni darba fil-ġimgħa. Tista' tiġi varjata skond id-destinazzjoni;

[1] ĠU No L 106, tal-11.5.1995, p.8.

(b) sospenzjoni totali jew parzjali tal-ħruġ ta' liċenzi fuq l-esportazzjoni;

(ċ) ċaħda totali jew parzjali ta' applikazzjonijiet pendenti għal-liċenzi tal-esportazzjoni.

2. It-taxxa fuq l-esportazzjoni li għaliha saret referenza fil-paragrafu 1 (a) għandha tkun dik applikabbli fil-jum li fih jitlestew il-formalitajiet doganali.

Madanakollu, fuq talba ta' l-applikant, li għandha tiġi sottomessa fl-istess ħin bħall- applikazzjoni għall-liċenza, it-taxxa fuq l-esportazzjoni applikabbli fil-jum ta' meta tiġi preżentata l-applikazzjoni għal liċenza għandha tapplika għal operazzjoni ta' esportazzjoni li għandha titwettaq matul il-perjodu ta' validità tal-liċenza.

3. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri dwar id-deċizjoni tagħha u tippubblikaha.

Artikolu 7

Sabiex tiġi ikkalkulata r-rifużjoni, il-kontenut ta' għalf kompost b'bażi ta' ċereali fil-prodotti tal-ħalib jistà jiġi stabilit billi jiġi immultiplikat bi tnejn, il-kontenut ta' lattożju f'kull tunnellata tal-prodott involut.

Artikolu 8

Meta, għall-iskopijiet ta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-importazzjonijiet jew għall-esportazzjonijiet irid jiġi stabbilit il-kontenut ta' lamtu jew lattożju, għandhom jiġu stabbiliti metodi analitiċi, għall-lamtu skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 u għall-lattożju skond il-proċedura stabbilita f'Artikolu 30 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68.

Artikolu 9

Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1162/95 qiegħed jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. Minkejja Artikolu 13a tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM, 2309 10 11, 2309 10 13, 2309 10 31, 2309 10 33, 2309 10 51, 2309 10 53, 2309 90 31, 2309 90 33, 2309 90 41, 2309 90 43, 2309 90 51 u 2309 90 53, li jkun fihom anqas minn 50 % bħala piż, ta' prodotti tal-ħalib, il-liċenzi ta' esportazzjoni għandhom juru:

— fit-Taqsima 15, id-deskrizzjoni tal-prodott u l-kodiċi bi tmien ċifri diġitali; fil-każ ta' prodotti li jaqgħu taħt tnejn jew aktar sottodiviżjonijiet maġenb xulxin, l-esportatur jistà juri n-nomenklatura ta' rifużjoni bi ħdax-il ċifra diġitali,

— fit-Taqsima 16, ir-referenza '2309',

— fit-Taqsimiet 17 u 18, il-kwantità ta' għalf kompost li jrid jiġi esportat,

— fit-Taqsima 20, il-kontenut ta' prodotti taċ-ċereali li jrid jiġi nkluż fl-għalf kompost, jekk dan ikun magħruf, u għandha ssir distinzjoni bejn qamħirrum u ċereali oħra; jekk inkella tintuża d-dispożizzjoni li għaliha saret referenza hawn fuq, li tannota t-Taqsima 15, il-parenteżi li turi l-kwantitajiet ta' qamħirrum u ċereali oħrajn inklużi.

Id-dettalji inklużi fl-applikazzjonijiet, għandhom jintwerew fuq il-liċenzi ta' l-esportazzjoni."

Artikolu 10

Regolamenti (KEE) Nru 1913/69 u (KEE) Nru 1619/93 huma mħassra mill-1 ta' Lulju 1995. Madanakollu, għandhom jibqgħu japplikaw għal-liċenzi maħruġa qabel l-1 ta' Lulju 1995.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika għall-ċertifikati maħruġa mill-1 ta' Lulju 1995.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu, u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Ġunju 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Kodiċi NM	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti
2309	Preparazzjonijiet tat-tip użati fl-għalf tal-bhejjem:
ex 2309 10	— Ikel tal-klieb jew tal-qtates, preżentati għall-bejgħ bl-imnut
	— — Li fihom il-lamtu, il-glukożju, il-ġulepp tal-glukożju, il-maltodestrina jew il-ġulepp tal-maltodestrina li jaqgħu taħt is-subintestaturi 1702 30 51 sa 1702 30 99, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 jew prodotti tal-ħalib:
	— — — Li fihom il-lamtu, il-glukożju, il-ġulepp, il-maltodestrina jew il-ġulepp tal-maltodestrina:
	— — — — Li ma fihom ebda lamtu jew li fihom 10 % lamtu jew inqas skond il-piż
2309 10 11	— — — — — Li ma fihom ebda prodotti tal-ħalib jew li fihom inqas minn 10 % ta' dawn il-prodotti skond il-piż
2309 10 13	— — — — — Li fihom aktar minn 10 % imma inqas min 50 % prodotti tal-ħalib skond il-piż
	— — — — Li fihom aktar minn 10 % imma inqas minn 30 % lamtu skond il-piż
2309 10 31	— — — — — Li ma fihom ebda prodotti tal-ħalib jew li fihom inqas minn 10 % ta' dawn il-prodotti skond il-piż
2309 10 33	— — — — — Li fihom mhux anqas minn 10 % iżda inqas minn 50 % prodott tal-ħalib skond il-piż
	— — — — Li fihom aktar minn 30 % lamtu skond il-piż
2309 10 51	— — — — — Li ma fihom ebda prodotti tal-ħalib jew li fihom inqas minn 10 % ta' dawn il-prodotti skond il-piż
2309 10 53	— — — — — Li fihom mhux anqas minn 10 % iżda inqas minn 50 % prodotti tal-ħalib skond il-piż
ex 2309 90	— Oħrajn:
	— — — Oħrajn:
	— — — Li fihom il-lamtu, il-glukożju, il-ġulepp tal-glukożju, il-maltodestrina jew il-ġulepp tal-maltodestrina li jaqgħu taħt is-subintestaturi 1702 30 51 sa 1702 30 99, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 jew prodotti tal-ħalib:
	— — — Li fihom il-lamtu, il-glukożju, il-ġulepp, il-maltodestrina jew il-ġulepp tal-maltodestrina:
	— — — — Li ma fihom ebda lamtu jew li fihom 10 % lamtu jew inqas skond il-piż
2309 90 31	— — — — — Li ma fihom ebda prodotti tal-ħalib jew li fihom inqas minn 10 % ta' dawn il-prodotti skond il-piż
2309 90 33	— — — — — Li fihom aktar minn 10 % imma inqas min 50 % prodotti tal-ħalib skond il-piż
	— — — — Li fihom aktar minn 10 % imma inqas minn 30 % lamtu skond il-piż
2309 90 41	— — — — — Li ma fihom ebda prodotti tal-ħalib jew li fihom inqas minn 10 % ta' dawn il-prodotti skond il-piż
2309 90 43	— — — — — Li fihom mhux anqas minn 10 % iżda inqas minn 50 % prodott tal-ħalib skond il-piż
	— — — — Li fihom aktar minn 30 % lamtu skond il-piż
2309 90 51	— — — — — Li ma fihom ebda prodotti tal-ħalib jew li fihom inqas minn 10 % ta' dawn il-prodotti skond il-piż
2309 90 53	— — — — — Li fihom mhux anqas minn 10 % iżda inqas minn 50 % prodotti tal-ħalib skond il-piż